KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 54

**It-Tlieta 28 ta' Marzu 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**
Christianne Mifsud – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 54.1 Qari tal-Apoloġiji

54.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 52 u 53

54.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

54.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 52 u 53 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 54.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

54.3.1 Ir-Reġjun se joħroġ offerta għal xogħlijiet ta' emerġenza f'isem il-Kunsilli Lokali kollha. Għaldaqstant kien se jkun hemm alternattiva oħra għal meta l-Kunsill ikun bżonn ta' xi xogħlijiet malajr u ma jkunx jista' jinqeda bis-servizz tal-PWD.

54.3.2 Is-Sindku informa li kienet twasslet kommunikazzjoni lir-Reġjun Tramuntan dwar każ li seħħ aktar riċentament fejn il-kuntrattur tal-iskart inqabad qed iġorr il-kontenut ta' skip ta' restaurant lokali meta kien għadu ma daħħalx il-ġabra tal-Imtarfa fil-miżbla. Huwa ġibed l-attenzjoni li kull ġabra li qed issir mal-ġabra tal-Kunsill issa se tibda tirrifletti ruħha fl-ispejjeż li jrid iħallas il-Kunsill u għaldaqstant dan l-aġir kien hemm bżonn li jieqaf b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel li jibgħat lura lir-Reġjun Tramuntana u jinfurmah li l-Kunsill Lokali tal-Imtarfa qed jirriserva d-dritta li ma jħallasx meta jaf li hemm abbużi simili.

54.3.3 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Simon Fenech. Il-ħin kien is-6:20pm.

## 54.4 *Communication Strategy*

54.4.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li titqabbad kumpanija privata biex tagħmel posters u video shots dwar il-ħidma tal-Kunsill (infographics, eċċ) minħabba li għalkemm isir ħafna xogħol, dan mhux jidher mar-residenti u għaldaqstant hemm bżonn li l-ħidma tal-Kunsill tkun riflessa fuq is-social media b'mod professjonali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u kien hemm qbil li għandhom jinġabu xi kwotazzjonijiet.

## 54.5 *Updates* dwar il-proġett tal-*Visitors Centre*

54.5.1 Is-SE infurmat li x-xogħlijiet fuq il-VC kienu għadhom għaddejja.

54.5.2 Is-SE fakkret li l-Kunsill Lokali għad għandu bżonn ta' injezzjoni ta' fondi biex ikun jista' jispiċċa l-proġett tal-Visitors Centre. Hija infurmat li qed ikollha pressjoni qawwija biex jibdew isiru xi ħlasijiet iżda fil-preżent, il-Kunsill ma kellux biżżejjed fondi biex iħallas.

54.5.3 Is-Sindku informa li min-naħa tiegħu kien tkellem mal-Onor. Chris Bonett biex jara jekk min-naħa tal-PPCD jistgħux jgħinu b'aktar fondi.

54.5.4 Is-SE infurmat li min-naħa tagħha kienet kitbet lid-DLG wara li waqt seminar li kienet attendiet kien ġie infurmat li hemm ħafna kunsilli li ma kienux idaħħlu *claim* għal ko-finanzjament ta' proġetti u qed jintilfu ħafna fondi. Għaldaqstant kienet għamlet talba biex id-Dipartiment jikkunsidra li għalkemm diġà ngħatat is-somma ta' €100,000, jgħaddi aktar fondi lill-Kunsill minflok ma jkun hemm aktar telf. Min-naħa tal-kumitat kienu rrispondew li mhumiex kontra din il-proposta iżda kienet se tintbagħat kommunikazzjoni lill-Ministru biex japprova li jitneħħa l-*capping* tal-mitt elf.

54.5.5 Hawnhekk infurmat li l-kuntrattur tal-*Finishes* kien bagħat *update* għal varjazzjoni oħra iżda din ma ġietx aċċettata u minflok jiksi l-kobor tal-bejt kollu, kien se jagħmel biss *frame* mad-dawra kollha. Hija infurmat li 'l quddiem meta l-Kunsill ikollu fondi biex jużahom fuq proġetti kapitali, seta' jikkunsidra li jsiru xi pannelli fuq il-bejt biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li se jkollu l-Kunsill biex jimmaniġġja din il-binja. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

54.5.6 Sadanittant infurmat li kien se jkollha laqgħa fuq il-post mad-Direttur Ġenerali sabiex jara l-andament tax-xogħlijiet li se jkunu qed jagħmlu tajjeb għalihom min-naħa tagħhom, prinċiparjament xogħlijiet tal-M&E's u ELV's.

## 54.6 Jum l-Imtarfa

54.6.1 Is-Sindku fakkar li nhar is-27 ta' April huwa Jum l-Imtarfa u għaldaqstant qed jipproponi li ssir l-attività bħas-soltu.

54.6.2 Hawnhekk il-Kunsill ma qabilx minħabba li ma fadalx żmien. Is-SE fakkret ukoll li minbarra l-kwistjoni taż-żmien hemm ukoll il-kwistjoni tal-fondi.

54.6.3 Kien hemm qbil li s-sena d-dieħla s-Sindku għandu jpoġġi din il-materja fuq l-aġenda fix-xahar ta' Frar biex ikun hemm żmien adegwat biex tiġi organizzata.

54.6.4 Sadanittant kien hemm qbil li s-Sindku għandu jikkoordina żjara għall-ġenituri tat-tfal tal-Iskola Primarja fl-iskola tar-Rabat.

54.6.5 Kien hemm qbil ukoll li ssir attività soċjali fis-sajf għar-residenti kollha.

54.6.6 Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier Dr Daniel Attard. Il-ħin kien is-7:15pm.

## 54.7 Tneħħija ta' assi minn fuq l-inventarju

54.7.1 Is-SE infurmat li kienu nxtraw 2 *air conditioners* ġodda hekk kif approvat fl-aħħar laqgħa. Iż-żewġ *air conditioners* il-qodma kienu se jitneħħew minn fuq l-inventarju (kopja tar-ritratti mehmuża).

54.7.2 Is-SE infurmat ukoll li fl-uffiċċju kien hemm ukoll żewġ *PC towers* li ilhom snin twal ma jintużawx (ritratti mehmuża). Dawn kienu se jitneħħew minn fuq l-inventarju wkoll.

54.7.3 Is-SE uriet ukoll ritratti (mehmuża) ta' *printer* qadim li m'għadux jaħdem u li kien ilu ma jintuża minn xi snin qabel.

54.7.4 Kien hemm qbil ukoll li għandu jitneħħa minn fuq l-inventarju televiżjoni antik li jinsab fil-*board room* kif ukoll xi dekorazzjonijiet tal-Milied antiki li m'għadhomx jintużaw.

54.7.5 Il-Kunsill approva li dawn l-affarijiet kollha jitneħħew minn fuq l-inventarju. Is-SE ġiet mitluba biex possibbilment dawn l-affarijiet jittieħdu f'sit apposta biex il-materjal tagħhom jiġi riċiklat u l-Kunsill jingħata xi flus lura tagħhom.

## 54.8 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv

54.8.1 Is-SE infurmat li kien hemm applikazzjoni interna u kienet saret intervista mal-applikant. Min-naħa tal-bord kien qabel li l-applikant ma kienx adegwat għar-rwol ta' Uffiċjal Eżekuttiv.

54.8.2 Għaldaqstant se ssir it-talba biex il-Jobsplus tibgħat il-lista tal-Part 1.

54.8.3 Sadanittant kienet intbagħtet ukoll *email* lill-Kunsilli kollha dwar il-vakanza ta' *Council Assistant* u ma kienx hemm ebda applikazzjoni. Kienet bagħtet talba lill-Jobsplus biex jgħaddulha l-lista wkoll.

## 54.9 Punti Oħra

54.9.1 Is-SE fakkret lill-Kunsilliera li sax-xahar ta' April kull membru kellu jgħaddi l-informazzjoni dwar id-dekasteru tiegħu/tagħna.

54.9.2 Hija infurmat li l-Kunsill kien irċieva ittra min-naħa tal-Bank of Valletta biex tiġi mgħoddija xi informazzjoni minħabba d-*due diligence*.

54.9.3 Hija infurmat li matul il-ġimgħa li għaddiet kien sar l-audit għas-sena bażi 2022. Min-naħa tal-amministrazzjoni kienu għaddew il-maġġorparti tad-dokumentazzjoni u informazzjoni mitluba min-naħa tal-awdituri u bħalissa qed tistenna li jduru l-informazzjoni kollha u jgħaddu l-aħħar.

54.9.4 Kienet irċeviet risposta lura mid-DLG fir-rigward ta' mistoqsija li kienet għamlet f'isem il-Kunsill dwar jekk jistax jiġi impjegat kennies minflok toħroġ offerta. Ir-risposta mid-DLG kienet li għas-servizz tal-knis għandha tinħareġ sejħa għall-offerti. Min-naħa tagħha kienet qed taħdem fuq l-offerta l-ġdida. Ikkonfermat mal-kunsilliera li jkun fuq bażi ta' 40 siegħa servizz fil-ġimgħa u 10 sigħat extra għal ġabra tad-doggie bins u skart ieħor u xogħlijiet extra.

54.9.5 Fir-rigward tal-offerta tas-soft areas, infurmat li kienet qed tiffinalizza d-dokument tal-offerta u staqsiet jekk għandux ikun fuq bażi ta' persuna waħda fuq 40 siegħa. Kien hemm qbil li dan possibbilment ikun miftuħ imma m'għandux ikun inqas minn 40 siegħa fil-ġimgħa.

54.9.6 Is-SE infurmat li kien hemm feedback pjuttost negattiv minn numru ta' residenti dwar il-fatt li l-Kunsill kien iddeċieda li jneħħi żewġ Bring in Sites. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jibqa' mal-istess deċiżjoni li ttieħdet qabel.

54.9.7 Hawnhekk kien hawn mistoqsija dwar x'irriżulta mil-laqgħa mal-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi. Is-Sindku informa li kienu marru hu, il-Viċi Sindku u s-SE u kienu ġew infurmati li għandha terġa' toħroġ l-offerta. Min-naħa l-oħra, ix-xogħol ma setax ikun fuq l-istess parametri li kien hemm qabel minħabba li l-materjal kien għola u għaldaqstant m'hemmx baġit biżżejjed. Min-naħa tagħna tlabnihom biex ix-xogħol isir b'materjal differenti iżda li xorta jkun tajjeb u pulit.

54.9.8 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni migħand TCTC dwar korsijiet ġodda. Kien hemm qbil li m'għandhomx isiru għaliex m'hemmx allokazzjoni finanzjarja għalihom.

54.9.9 Hawnhekk il-Kunsillier Fenech semma' li kien attenda għal laqgħa fuq il-bosk t'isfel fil-preżenza tas-Sindku, is-SE, l-Environmental Manager tal-Kunsill kif ukoll rappreżentanti ta' Ambjent Malta. Huwa saħaq li s-siġar tal-ewkaliptus li hemm fit-telgħa m'għandhomx jinqalgħu iżda li jinżabru biss. Is-SE infurmat li mill-ERA kienu kkonfermaw li hemm numru tagħhom li huma morda u li l-parir tal-EM u ta' AM kien li dawn jinqalgħu kompletament minħabba li qed jagħtu għal fuq it-triq. Min-naħa tal-Kunsill qablu li għandhom jitqaċċtu biss dawn li huma ovvji li huma mejta filwaqt li l-oħrajn għandhom biss jinżabru.

## 54.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

54.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 03/2023), kopja tagħha mehmuża.

54.13.2 Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 54.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

54.14.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:15pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 ta' April 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' April 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv